# L-EWRO, is-servizzi bankarji...
# u int




MBA
Malta Bankers' Association

# WERREJ


- INTRODUZZJONI 1
- DATI IMPORTANTI LI TAJJEB LI TKUN TAFHOM 2
- KIF SE JINBIDLU L-FLUS KONTANTI F'EWRO 4
- KIF SE JINQALBU L-KONTIJIET F'EWRO 6
- KIF SE JKUNU TTRATTATI FAĊILITAJIET TA' KREDITU EŻISTENTI 6
- KIF SE JSIRU L-ĦLASIJIET F'EWRO PERMEZZ TA' ĊEKKIJIET 7
- IR-RATI TAL-KAMBJU U R-RATI TA' L-IMGĦAX 8
- ID-*DUAL DISPLAY* TAL-PREZZIJIET U L-AMMONTI MONETARJI 9
- KIF SE JAĦDMU L-ATMs BL-EWRO 10
- KIF SE JKUNU TTRATTATI T-TRANSAZZJONIJIET TAL-*CARDS* F'EWRO 11
- IKTAR TAGĦRIF 12


REF: Oct-07




## INTRODUZZJONI

Fl-1 ta' Jannar 2008 (Jum-€), Malta se tadotta l-ewro bħala l-munita nazzjonali tagħha u se tissieħeb uffiċjalment fiż-żona ewro. F'dak il-jum, jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni l-karti tal-flus u l-muniti ta' l-ewro, u jingħata bidu għall-irtirar miċ-ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija.

Għal perjodu ta' żmien limitat mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Jannar 2008 (imsejjaħ "il-perjodu ta' ċirkolazzjoni doppja") il-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija jkunu qed jiċċirkolaw flimkien mal-karti tal-flus u l-muniti ta' l-ewro. In-negozji jridu jaċċettaw kemm l-ewro kif ukoll il-lira Maltija fi flus kontanti, imma jridu jagħtu l-bqija f'ewro. Madankollu, wara nofsillejl tal-31 ta' Jannar 2008, l-ewro ssir l-unika munita b'valuta legali f'Malta.

Minn Jum-€ 'il quddiem transazzjonijiet li ma jinvolvux flus kontanti jridu jkunu f'ewro biss.

Minn fejn u meta tkun tista' tikseb flus kontanti f'ewro? Kif se jinqalbu l-kontijiet bankarji tiegħek mill-lira Maltija għall-ewro? Il-karti ta' debitu u ta' kreditu li diġà għandek jibqgħu jaħdmu? U ċ-ċekkijiet?

Dawn huma biss ftit mill-mistoqsijiet li jkunu mwieġba, b'mod sempliċi u fil-qosor, fil-paġni li ġejjin. Dan il-ktejjeb tħejja mill-Malta Bankers' Association f'isem il-banek membri tagħha għall-benefiċċju tal-klijenti tagħhom u tal-pubbliku ġenerali.

## DATI IMPORTANTI LI TAJJEB LI TKUN TAFHOM

### It-Tnejn, 31 ta' Diċembru 2007

- Il-banek se jiftħu għan-negozju bħas-soltu.
- Dan huwa l-aħħar jum li ċ-ċekkijiet jistgħu jinkitbu fil-lira Maltija.
- Jekk ikun possibbli, dawk li jkollhom ċekkijiet fil-lira Maltija għandhom jiddepożitaw / isarrfu dawn iċ-ċekkijiet qabel tmiem is-sena.
- Numru ta' ATMs se jibqgħu jagħtu karti ta' flus tal-lira Maltija sa' l-10.00 p.m.; minn dan il-ħin sa nofsillejl l-ebda ATM ma tkun qed taħdem.

### It-Tlieta, 1 ta' Jannar 2008 (Jum-€)

- Il-banek se jkunu magħluqin, bħas-soltu, għall-festa pubblika.
- Il-karti tal-flus u l-muniti ta' l-ewro jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni u jibda l-perjodu ta' ċirkolazzjoni doppja.
- L-ATMs jibdew jagħtu l-karti ta' flus ta' l-ewro.
- It-terminali tal-punti tal-bejgħ elettroniċi (EPOS) jinqalbu awtomatikament fl-ewro.
- Minn din id-data ċ-ċekkijiet iridu jinkitbu biss fl-ewro.

### L-Erbgħa, 2 ta' Jannar 2008 u l-Ħamis, 3 ta' Jannar 2008

- Il-banek se jiftħu u l-banek kummerċjali (li jidhru f'paġna 12) se jżidu l-ħin li normalment ikunu miftuħin għall-klijenti sa l-4 p.m.  Madankollu, matul dawn il-jumejn is-servizz li jingħata lill-pubbliku minn dawn il-banek se jkun ristrett biss għad-depożiti ta' flus kontanti kemm f'liri Maltin u f'ewro, bdil ta' flus kontanti minn liri Maltin  għall-ewro u bdil ta' karti ta' flus barranin f'karti ta' flus u muniti ta' l-ewro, sabiex il-banek ikunu jistgħu jikkonċentraw fuq ix-xogħol relatat mal-bidla fis-sistemi kollha tagħhom.
- Il-karti tal-flus ta' l-ewro jistgħu jinkisbu mill-ATMs kollha.

### Il-Ġimgħa, 4 ta' Jannar 2008 u s-Sibt, 5 ta' Jannar 2008

- Il-banek kummerċjali jerġgħu jibdew jipprovdu s-servizzi bankarji kollha. Il-ħin li normalment ikunu miftuħin għall-klijenti se jiżdied sa l-4 p.m. Matul il-ħinijiet normali, is-servizzi kollha jingħataw bħas-soltu. Matul is-sigħat estiżi, ikunu ttrattati biss depożiti ta' flus kontanti f'liri Maltin u f'ewro, bdil ta' flus kontanti minn liri Maltin għall-ewro u bdil ta' karti ta' flus barranin f'ewro.

### Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008

- Il-perjodu ta' ċirkolazzjoni doppja jintemm f'nofsillejl, u minn hemm 'il quddiem il-lira Maltija ma tibqax valuta legali, u ma tibqax tkun aċċettata iktar bħala mezz ta' ħlas.

### Is-Sibt, 29 ta' Marzu 2008

- Il-banek se jibqgħu jaċċettaw depożiti ta' flus kontanti fil-lira Maltija u jibdlu karti ta' flus u muniti tal-lira Maltija f'karti ta' flus u muniti ta' l-ewro mill-fergħat tagħhom sakemm jagħlqu fid-29 ta' Marzu 2008 (ara "Kif se jinbidlu l-flus kontanti f'ewro" f'paġna 4).
- Wara dakinhar, flus kontanti fil-lira Maltija jkunu jistgħu jinbidlu biss fil-Bank Ċentrali ta' Malta, sa l-1 ta' Frar 2010 fil-każ ta' muniti fil-lira Maltija u sal-31 ta' Jannar 2018 fil-każ ta' karti ta' flus tal-lira Maltija. Il-Bank Ċentrali ta' Malta ma jżomm l-ebda ħlas għal dan is-servizz




2.42
0.81
0.00
3.23
99997/ 5
3.23

## Qabel l-1 ta' Jannar 2008

- Hekk kif joqrob Jum-€, għandek tuża jew tiddepożita fil-kont tiegħek il-karti tal-flus u l-muniti kollha tal-lira Maltija li huma żejda għall-ħtiġijiet tiegħek ta' kuljum. Dan għandu jiffaċilita l-affarijiet wara Jum-€, inaqqas il-pressjoni minn fuq il-fergħat tal-banek matul il-perjodu tal-bdil tal-flus kontanti, u jnaqqas ir-riskji tas-sigurtà li jistgħu jirriżultaw jekk ammonti kbar ta' flus kontanti jitħallew biex ikunu mibdula matul dak il-perjodu.

- *Starter kits* li jkun fihom muniti ta' l-ewro, maħsubin għal bejjiegħa bl-imnut jew negozji żgħar oħra li jkunu jeħtieġu biss ammonti żgħar ta' muniti ta' l-ewro, se jkunu għall-bejgħ mill-fergħat kollha tal-banek mill-1 ta' Diċembru 2007. Dawn se jkun fihom muniti ta' l-ewro b' valur nominali ta' €131 (Lm56.24).

  Mill-10 ta' Diċembru 2007, il-pubbliku se jkun jista' jixtri *mini kits* tal-muniti ta' l-ewro li jkun fihom taħlita ta' muniti b'valur nominali ta' €11.65 (Lm5), mill-fergħat kollha tal-banek.

  Dawk li jixtru l-*istarter/mini kits* ikunu mitluba jħallsu l-valur ekwivalenti f'liri Maltin bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293. Sad-data ta' l-1 ta' Jannar 2008, il-muniti ta' l-ewro ma jkunux valuta legali u m'għandhomx jintużaw qabel dik id-data.

- Matul Diċembru 2007, se jkunu jistgħu jinxtraw ukoll mill-banek ammonti żgħar ta' karti tal-flus ta' l-ewro f'denominazzjonijiet ta' €5 bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293 skond id-disponibbiltà ta' dawn il-karti tal-flus ta' l-ewro. Prinċipalment il-ħsieb wara dan huwa biex in-negozji ż-żgħar ikunu jistgħu jiksbu ftit karti tal-flus ta' l-ewro qabel ma sseħħ il-bidla. Dawk in-negozji huma mħeġġa li jiddiskutu x'jistgħu jkunu l-bżonnijiet tagħhom f'dan ir-rigward mal-banek tagħhom qabel Diċembru 2007.

- Negozji li jkunu jeħtieġu ammonti ikbar ta' karti tal-flus u muniti ta' l-ewro bi tħejjija għal Jum-€ (pereżempju *supermarkets* kbar, *casinos*, eċċ) ikunu jridu jagħmlu arranġamenti minn qabel ta' *sub-frontloading* mal-banek tagħhom. Dan ikun jinvolvi l-provvista ta' l-ammont miftiehem ta' ewro mill-banek lil dawn in-negozji qabel Jum-€, b'numru ta' kundizzjonijiet, fosthom li l-karti tal-flus u l-muniti ta' l-ewro li jingħatawlhom ma jkunux jistgħu jkunu mgħoddija lill-pubbliku qabel Jum-€. Dawn il-kundizzjonijiet, li jirriflettu l-Linji Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew, se jkunu inklużi fil-kuntratt tas-*sub-frontloading* li jrid isir bejn il-klijenti negozjanti kkonċernati u l-banek tagħhom.

  Il-kontijiet ta' dawn il-klijenti jkunu ddebitati bl-ammont ta' flus li jkun mgħoddi lilhom minn qabel (is-*sub-frontloading*) wara Jum-€. Kwalunkwe arranġamenti oħra li jirrigwardjaw estensjoni tat-termini tal-pagament jew dwar is-sigurtà li trid tingħata jridu jkunu miftehma bejn il-partijiet.

### Bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Marzu 2008

- Matul dan il-perjodu ta' tliet xhur, il-banek se jkomplu jaċċettaw mingħajr spejjeż depożiti ta' flus kontanti f'lira Maltija fil-kontijiet tal-klijenti denominati fl-ewro bl-użu tar-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293. Depożiti bħal dawn jistgħu jkomplu jsiru permezz ta' l-ATMs / il-Magni ta' Depożitu.

- Għandhom ikunu wżati formoli tad-depożitu / envelopes separati għad-depożiti f'lira Maltija u dawk f'ewro.

- Mill-1 ta' Jannar 2008, l-ATMs se jibdew jagħtu karti ta' flus fl-ewro biss.

- Bejn it-2 ta' Jannar 2008 u d-29 ta' Marzu 2008, il-banek se jkunu qed jibdlu wkoll mill-fergħat tagħhom karti tal-flus u muniti tal-lira Maltija f'karti tal-flus u muniti ta' l-ewro bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293 u mingħajr ebda spejjeż. Il-banek se jagħmlu dan il-bdil lill-klijenti tagħhom mingħajr limitu, imma jista' jkun li l-banek jitolbu l-klijenti biex javżawhom jumejn qabel meta l-ammont li jkun se jinbidel jaqbeż il-Lm250 (€582.34).

  Matul dak il-perjodu l-banek ser jibdlu flus kontanti Maltin f'ewro mingħajr spejjeż lill- persuni li mhumiex klijenti tagħhom, imma l-ammont ma jridx jaqbeż Lm250 għal kull persuna.

- Biex ikun iffaċilitat id-depożitu u l-bdil tal-muniti tal-lira Maltija mill-pubbliku, il-banek se jipprovdu boroż żgħar tal-plastik magħmulin apposta biex il-muniti tal-lira Maltija jkunu jistgħu jiġu rranġati skond id-denominazzjoni **qabel** ma jsir id-depożitu jew l-bdil. Huwa importanti li l-muniti tal-lira Maltija jkunu rranġati f'dan il-mod biex jitħaffef l-ipproċessar tagħhom.

### Wara l-31 ta' Marzu 2008

Il-banek ma jibqgħux jaċċettaw jew jibdlu karti tal-flus u muniti tal-lira Maltija. Dawn jibqgħu jinbidlu fil-Bank Ċentrali ta' Malta għal perjodu ta' għaxar snin fil-każ ta' karti tal-flus u sentejn fil-każ ta' muniti. Il-perjodi ta' għaxar snin u ta' sentejn jibdew jiddekorru, it-tnejn li huma, mill-31 ta' Jannar 2008, jiġifieri meta l-lira Maltija ma tibqax iktar valuta legali.



## KIF SE JINQALBU L-KONTIJIET F'EWRO

- Skond il-metodu ta' "dħul f'daqqa" adottat mill-Gvern għall-adozzjoni ta' l-ewro, il-kontijiet tiegħek kollha fil-lira Maltija, inklużi kontijiet tal-karti ta' kreditu, se jinqalbu fl-ewro awtomatikament f'Jum-€.

- Dan se jsir mingħajr spejjeż bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293.

- In-numri kollha tal-kontijiet eżistenti se jibqgħu l-istess.

- L-ewwel rendikont ta' l-2008 se jkun fih id-dettalji tal-konverżjoni tal-bilanċi tal-liri Maltin f'ewro li tkun saret f'Jum-€. Dawk kollha li sal-31 ta' Diċembru 2007 ikollhom kontijiet kurrenti u kontijiet ta' tfaddil fil-lira Maltija se jirċievu rendikont, li juri din il-konverżjoni, fl-ewwel trimestru ta' l-2008, jew inkella fuq talba tagħhom jekk ir-rendikont ikun meħtieġ qabel ma l-bank jibagħtu.

- Mill-1 ta' Jannar 2008, id-depożiti u l-ġbid kollu mill-kontijiet se jkunu pproċessati fl-ewro, u l-*istanding orders* u d-*direct debits* eżistenti kollha, ta' ħlasijiet regolari ta' self u / jew kontijiet, se jinqalbu awtomatikament fil-munita ewro.

## KIF SE JKUNU TTRATTATI FAĊILITAJIET TA' KREDITU EŻISTENTI

- Ma' l-adozzjoni ta' l-ewro, l-ammonti monetarji fil-lira Maltija jitqiesu bħala ammonti fl-ewro u jkunu maqluba bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293.

- Għalhekk, ma jkunu meħtieġa ebda emendi għal *sanction letters*, kuntratti ta' l-ipoteki, dokumenti ta' sigurtà oħra, eċċ., peress illi ma' l-adozzjoni ta' l-ewro l-kuntratti u l-obbligi kollha li jkun fihom ammonti fil-lira Maltija jinqalbu awtomatikament fl-ewro bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli.

- Rati ta' l-Imgħax tad-Debitu – ara "Ir-Rati tal-Kambju u r-Rati ta' l-Imgħax" f'paġna 8.



## KIF SE JSIRU L-ĦLASIJIET F'EWRO PERMEZZ TA' ĊEKKIJIET

- Billi l-kontijiet bankarji kollha denominati fil-lira Maltija se jibqgħu denominati hekk sal-31 ta' Diċembru 2007, hekk ukoll għandek tkompli toħroġ ċekkijiet fil-lira Maltija sa l-aħħar ta' Diċembru 2007, imma mill-1 ta' Jannar 2008 għandek tibda toħroġ ċekkijiet f'ewro.

- Il-banek jistgħu wkoll jagħżlu, matul l-2007, li joħorġu *cheque books* mingħajr is-simbolu tal-munita stampata fuqhom. F'dak il-każ, inti tkun meħtieġ timla l-munita t-tajba meta tikteb iċ-ċekk, jiġifieri "Lm" jekk iċ-ċekk jinħareġ qabel l-1 ta' Jannar 2008, u "€" jekk iċ-ċekk jinħareġ wara l-31 ta' Diċembru 2007.

  Mill-1 ta' Jannar ta' l-2008, *cheque books* li jkollhom s-simbolu ta' l-ewro fuqhom jintbagħtu, meta jkunu mitluba, lil dawk li qabel kellhom kontijiet kurrenti denominati fil-lira Maltija.

- Ċekkijiet li jinħarġu fil-lira Maltija qabel l-1 ta' Jannar 2008, imma li jkunu ppreżentati għall-ħlas wara l-31 ta' Diċembru 2007, ikunu aċċettati jekk ikunu ppreżentati fiż-żmien stabbilit, jiġifieri sitt xhur mid-data tal-ħruġ, sakemm ma tkunx indikata skadenza iqsar fuq iċ-ċekk, f'liema każ l-iqsar żmien ikun japplika.

  L-ammont f'lira Maltija jinqaleb f'ewro bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293, u l-ekwivalenti f'ewro jkun iddebitat fil-kont ta' min joħroġ iċ-ċekk u jitħallas lil min jippreżenta ċ-ċekk. Ma jkunu miżjuda l-ebda kummissjonijiet jew spejjeż bankarji oħra.

  Biex tkun iffaċilitata l-bidla għall-ewro, min ikollu ċekkijiet f'lira Maltija huwa inkoraġġit ħafna biex, jekk ikun possibbli, jiddepożita / isarraf dawn iċ-ċekkijiet qabel l-1 ta' Jannar 2008, jew malajr kemm jista' jkun wara dik id-data.

- Ċekkijiet maħruġin fil-lira Maltija wara l-31 ta' Diċembru 2007 ma jkunux aċċettati.

- Ċekkijiet miġbudin fuq kontijiet fil-lira Maltija u maħruġin f'ewro qabel l-1 ta' Jannar 2008 ma jkunux aċċettati jekk ikunu ppreżentati qabel dik id-data. Madankollu, jekk dawn iċ-ċekkijiet ikunu ppreżentati wara l-31 ta' Diċembru 2007 u fil-perjodi ta' l-iskadenza li normalment huma aċċettabbli, ikunu msarrfa għall-ammont tagħhom kollu.

- Jekk, wara l-31 ta' Diċembru 2007, ikun fadallek ċekkijiet li juru s-simbolu tal-munita tal-lira Maltija, dawn tista' tużahom xorta waħda biex tikteb ċekkijiet f'ewro sakemm:
  - Is-simbolu tal-lira Maltija li jkun hemm stampat fuq iċ-ċekk (ara l-eżempju ta' hawn taħt) jinqata' barra, u
  - Jinkiteb is-simbolu tal-munita ta' l-ewro (€) minflok, u li l-ammont fi kliem juri wkoll b'mod ċar l-ewro bħala l-munita li fiha huwa miktub iċ-ċekk, u
  - Tiffirma sħiħ maġenb dawn it-tibdiliet.

  In-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ikun raġuni biżżejjed għall-banek biex ma jaċċettawx iċ-ċekkijiet relattivi.

- Ċekkijiet miġbudin f'ewro fuq kontijiet bankarji lokali li huma wkoll f'ewro jkunu aċċettati, suġġett għar-riżervi tas-soltu, kemm jekk ikunu miġbudin u / jew ippreżentati qabel l-1 ta' Jannar 2008 jew wara. Normalment dawn iċ-ċekkijiet iridu jintużaw biss biex ikunu effettwati pagamenti f'Malta. Jekk jintużaw barra minn Malta, dawn jieħdu iktar biex ikunu pproċessati u jistgħu jeħlu spejjeż ta' pproċessar u ta' amministrazzjoni.

  Bl-istess mod, ċekkijiet miġbudin f'ewro fuq banek barranin u ppreżentati għall-ħlas lokalment jieħdu iktar biex ikunu pproċessati u jistgħu jeħlu spejjeż ta' pproċessar u spejjeż oħra.



# IR-RATI TAL-KAMBJU U R-RATI TA' L-IMGĦAX

## Ir-Rati tal-Kambju

- Fl-1 ta' Jannar 2008, Malta se tadotta l-ewro bħala l-munita nazzjonali tagħha, u se tissieħeb uffiċjalment fiż-żona ewro.

  Sa dakinhar, il-lira Maltija biss tkun valuta legali f'Malta, u l-istatus ta' l-ewro jibqa' dak ta' munita barranija.

- Fl-10 ta' Lulju 2007 ir-rata ta' konverżjoni bejn l-ewro u l-lira Maltija kienet iffissata b'mod irrevokabbli mill-Kunsill Ewropew għal €1 = Lm0.4293.

- It-tisrif mill-banek tal-lira Maltija fl-ewro, u viċi versa, qabel l-adozzjoni ta' l-ewro, se jibqa' jkun suġġett għal spejjeż ta' kambju.

- Madankollu, sabiex ikun iffaċilitat il-proċess ta' l-adozzjoni ta' l-ewro hekk kif joqrob Jum-€, il-banek qablu li mill-1 ta' Diċembru 2007, jibdew jibdlu l-liri Maltin f'ewro bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293, mingħajr spejjeż ta' kambju. Jibqgħu jkunu applikati kummissjonijiet normali u spejjeż bankarji oħrajn fuq transazzjonijiet speċifiċi (pereżempju, kummissjoni fuq trasferimenti interni u esterni permezz tas-SWIFT, negozjar ta' ċekkijiet barranin, ħruġ ta' ċekkijiet bankarji lokali u barranin, u oħrajn).

  Dan ma jfissirx li l-bdil attwali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija f'karti tal-flus u muniti ta' l-ewro se jibda qabel Jum-€, ħlief għal għanijiet limitati – ara "Kif se jinbidlu l-flus kontanti f'ewro – Qabel l-1 ta' Jannar 2008" f'paġna 4

- Barra minn hekk, mill-11 ta' Lulju 2007, il-banek qegħdin jaċċettaw depożiti ta' karti tal-flus f'ewro bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293 meta dawn il-karti tal-flus ikunu ddepożitati mill-klijenti negozjanti tagħhom f'kontijiet f'lira Maltija. Permezz ta' hekk, il-bejjiegħa bl-imnut ikunu jistgħu jitolbu l-prezz muri fuq it-tikketti ta' l-oġġett f'ewro, mingħajr ma jżidu ebda spejjeż, meta x-xerrejja jħallsu bl-ewro.

  Dan l-arranġament huwa limitat għal bejgħ f'ewro, aċċettati minn dawn in-negozji fil-proċess normali tan-negozju tagħhom, u ma japplikax fejn il-karti tal-flus fl-ewro jinkisbu permezz tal-bdil tagħhom ma' liri Maltin mingħajr ebda konnessjoni ma' xi bejgħ relatat ma' oġġetti jew ma' servizzi.

## Ir-Rati ta' l-Imgħax

- Ir-rati ta' l-imgħax tad-debitu u tal-kreditu se jikkonverġu għal dawk ta' l-ewro ma' l-adozzjoni ta' l-ewro fl-1 ta' Jannar 2008.

- Madankollu, fejn rata fissa kienet miftehma bejnek u bejn il-bank tiegħek, fir-rigward ta' kont *Term Deposit* jew faċilità ta' kreditu, għal perjodu li jmur lil hinn minn Jum-€, dik ir-rata fissa tkompli tapplika sa l-aħħar tal-perjodu miftiehem, minkejja li tkun saret il-bidla tal-bilanċ tal-kont mil-lira Maltija għall-ewro f'Jum-€.

- L-imgħax imħallas / miġbur mill-banek fuq depożiti ta' / self lill-klijenti f'lira Maltija hu kkalkolat fuq il-bażi tan-"Numru Attwali ta' Ġranet / 365 Ġurnata". Madankollu, fil-każ ta' bilanċi f'ewro, il-prattika predominanti tas-suq hija li l-banek jikkalkolaw l-imgħax fuq il-bażi tan-"Numru Attwali ta' Ġranet / 360 Ġurnata". Għalhekk, malli ssir il-bidla għall-ewro fl-1 ta' Jannar 2008, u fin-nuqqas ta' xi avviż bil-kontra mill-bank tiegħek, tkun applikata t-tieni bażi ta' kalkolu kemm għad-depożiti kif ukoll għas-self fl-ewro.

  Madankollu, fil-każ ta' depożiti jew self fil-lira Maltija li dwarhom ikun sar ftehim fuq rata fissa ta' l-imgħax, u li t-terminu taż-żmien sad-data tal-maturità tagħhom imur lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2007, tkompli tkun applikata l-bażi ta' kalkolu kurrenti "Attwali / 365 Ġurnata" sakemm jiskadi l-ftehim tar-rata fissa (pereżempju, self fil-lira Maltija għal perjodu ta' ħmistax-il sena seta' ngħata fl-2005 b'rata ta' l-imgħax fissa miftehma għall-ewwel ħames snin. Għalhekk, tkompli tkun applikata l-bażi ta' 365 ġurnata sakemm jiskadi l-perjodu ta' ħames snin ta' l-imgħax fiss fl-2010, filwaqt illi tibda tkun applikata l-bażi ta' 360 ġurnata minn hemm 'il quddiem).

## ID-*DUAL DISPLAY* TAL-PREZZIJIET U L-AMMONTI MONETARJI

- Id-*dual display* ta' l-ammonti kemm fil-lira Maltija kif ukoll fl-ewro qed isir mill-banek fil-każijiet li ġejjin:

  i. maġenb il-bilanċ finali fuq ir-rendikonti bankarji kollha, inklużi rendikonti tal-karti ta' kreditu;
  ii. fuq it-tariffi bankarji kollha biex jispjegaw l-ispejjeż għas-servizzi u għat- transazzjonijiet kollha;
  iii. fuq l-iskrins "*Fast Cash*" ta' l-ATMs għall-ġbid ta' flus kontanti;
  iv. fuq il-websajts tal-banek fejn jintwerew listi ta' tariffi u ammonti monetarji oħrajn (eskluż l-*internet banking*).

- Barra dan, qed isir dual display fir-rigward tat-transazzjonijiet fil-lira Maltija ta' hawn taħt imwettqa mill-fergħat tal-banek:
  i. depożiti ta' flus kontanti / ċekkijiet fil-lira Maltija f'kontijiet kurrenti u f'kontijiet ta' tfaddil;
  ii. ġbid ta' flus kontanti fil-lira Maltija minn kontijiet ta' tfaddil;
  iii. għeluq ta' kontijiet kurrenti u ta' tfaddil fil-lira Maltija.

- Mal-bidla għall-ewro, l-ekwivalenti fil-lira Maltija se jkompli jidher ħdejn l-ammonti fl-ewro fil-każijiet kollha msemmijin hawn fuq sat-tmiem tal-perjodu tad-*dual display* (it-30 ta' Ġunju 2008).

- Ir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293 se tkun użata dejjem sabiex ikunu kkalkulati l-ekwivalenti tal-€ / il-lira Maltija.



## KIF SE JAĦDMU L-ATMs BL-EWRO

- Il-banek ftehmu bejniethom sabiex il-mod kif se jħaddmu l-ATMs tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2007 u fl-1 ta' Jannar 2008 ikun tali illi jkun żgurat li kull lokalità tkun moqdija tajjeb minn ATM ta' xi bank jew ieħor, kemm lejlet il-bidla għall-ewro kif ukoll immedjatament wara l-bidla.

  Il-fatt li l-ATMs ta' diversi banek jistgħu jintużaw minn klijenti ta' banek oħra se jnaqqas ħafna l-inkonvenjenza li l-klijenti jista' jkollhom matul dan il-perjodu.

- L-ATMs se jibqgħu jagħtu karti tal-flus tal-lira Maltija sal-31 ta' Diċembru 2007. Dakinhar, l-ATMs se jibqgħu jaħdmu normali sat-3 p.m., u wara xi ATMs jibdew jintfew ftit ftit sabiex tkun tista' ssirilhom il-konverżjoni meħtieġa biex dawn ikunu jistgħu jibdew jagħtu l-karti tal-flus ta' l-ewro minnufih wara nofsillejl. Se jibqgħu jaħdmu numru suffiċjenti ta' ATMs sa' l-10 p.m. biex jaqdu 'l dawk il-klijenti li jkunu jeħtieġu jiġbdu flus imma imbagħad dawn il-magni jridu wkoll jintfew sa nofsillejl sabiex il-banek ikunu jistgħu jagħmlu l-konverżjoni teknika meħtieġa tas-sistemi operattivi ta' l-ATMs tagħhom.

- Immedjatament wara nofsillejl, mill-inqas 60% ta' l-ATMs kollha jibdew jaħdmu u jibdew jagħtu l-karti tal-flus ta' l-ewro. L-ATMs l-oħrajn kollha jibdew jitħaddmu ftit ftit matul Jum-€, biex b'hekk sa nofsinhar l-ATMs li jkunu qed jagħtu l-karti tal-flus ta' l-ewro jkunu mill-inqas 85%, u 100% sa l-4.00p.m.

- Id-dettalji ta' dawk l-ATMs li jkunu se jibqgħu jagħtu l-liri Maltin wara t-3.00 p.m. fil-31 ta' Diċembru 2007, u ta' dawk l-ATMs li jkunu se jibdew jagħtu l-ewro immedjatament wara nofsillejl, se jkunu reklamati b'mod wiesgħa fil-ġranet ta' qabel Jum-€.

- Il-*cards* eżistenti ta' l-ATMs se jkunu jistgħu jibqgħu jintużaw bħas-soltu wara l-31 ta' Diċembru 2007. Il-*card* eżistenti u l-PIN (*Personal Identification Number*) se jibqgħu validi.

- It-transazzjonijiet fil-lira Maltija mwettqa wara nofsinhar tal-31 ta' Diċembru 2007 permezz ta' l-ATMs jistgħu jidhru fuq ir-rendikont tiegħek li jmiss bħala transazzjonijiet fl-ewro (maqluba bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293). It-transazzjonijiet kollha mwettqa mill-1 ta' Jannar 2008 permezz ta' l-ATMs se jkunu pproċessati fl-ewro.

- Se jkun possibbli li jibqgħu jsiru depożiti ta' karti tal-flus fil-lira Maltija permezz ta' l-ATMs minn Jum-€ sal-31 ta' Marzu 2008. Ċekkijiet maħruġa fil-lira Maltija qabel l-1 ta' Jannar 2008 jistgħu wkoll jiġu ddepożitati fiż-żmien stabbilit, imma mhux iktar tard mill-aħħar ta' Ġunju 2008 (ara "Kif se jsiru l-ħlasijiet f'ewro permezz ta' ċekkijiet" f'paġna 7). Il-klijenti se jingħataw assistenza xierqa dwar kif isiru dawn id-depożiti mill-banek rispettivi tagħhom.

## KIF SE JKUNU TTRATTATI T-TRANSAZZJONIJIET TAL-*CARDS* F'EWRO.

- Il-karti ta' debitu u ta' kreditu eżistenti se jkunu jistgħu jibqgħu jintużaw b'mod normali wara l-31 ta' Diċembru 2007. Il-*card* eżistenti u l-PIN (*Personal Identification Number*) tiegħek jibqgħu validi.

- It-transazzjonijiet tal-karti ta' debitu u ta' kreditu se jibqgħu jkunu pproċessati mill-punti tal-bejgħ fil-lira Maltija sa nofsillejl tal-31 ta' Diċembru 2007. Mill-1 ta' Jannar 2008, it-transazzjonijiet kollha pproċessati fil-punti tal-bejgħ se jkunu fl-ewro.

- Iktar informazzjoni speċifika dwar il-konverżjoni awtomatika tat-terminali tal-punti tal-bejgħ elettroniċi (EPOS) mill-lira Maltija għall-ewro se tingħata lin-negozjanti mill-banek ikkonċernati.

- Transazzjonijiet bil-karti ta' debitu u ta' kreditu mwettqa matul l-aħħar ftit jiem ta' l-2007 x'aktarx li jidhru fuq ir-rendikont tiegħek li jkun imiss bħala transazzjonijiet fl-ewro (maqluba bir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabbli ta' 0.4293). Madankollu, dan jista' jvarja bejn il-banek. It-transazzjonijiet kollha ta' dan it-tip li jsiru mill-1 ta' Jannar 2008 ikunu pproċessati fl-ewro.

.



## IKTAR TAGĦRIF

Jekk tkun tixtieq tikseb iktar tagħrif dwar l-ewro b'konnessjoni ma' kwistjonijiet bankarji, nissuġġerulek tikkuntattja direttament lill-bank lokali tiegħek. Dawn li ġejjin huma d-dettalji tal-banek kummerċjali lokali:

APS bank
THE BANK YOU WANT US TO BE

**APS Bank Ltd**
APS House
20, Pjazza Sant'Anna
Floriana
Telefown: (+356) 2122 6644
*e-mail:* ewro@apsbank.com.mt
Websajt: www.apsbank.com.mt

BOV
Bank of Valletta
*your Success, our Goal*

**Bank of Valletta p.l.c.**
BOV Centre, Triq il-Kanun
Santa Venera
Telefown: (+356) 2131 2020
*e-mail:* euroinfo@bov.com
Websajt: www.bov.com/euro

HSBC
Bank dinji, bank lokali

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
233, Triq ir-Repubblika
Valletta
Telefown: (+356) 2380 8154
*e-mail:* infomalta@hsbc.com
Websajt: www.hsbc.com.mt/euroinfo

LOMBARD BANK

**Lombard Bank Malta p.l.c.**
Lombard House
67, Triq ir-Repubblika
Valletta
Telefown: (+356) 2558 1730
(+356)2558 1729
*e-mail:* bmaudit@lombardmalta.com
Websajt: www.lombardmalta.com

VOLKSBANK MALTA

**Volksbank Malta Ltd**
53, Triq Dingli
Tas-Sliema
Telefown: (+356) 2777 7220
(+356) 2777 7530
*e-mail:* info@volksbank.com.mt

MBA
Malta Bankers' Association

Malta Bankers' Association
48/2 Triq Birkirkara
H'Attard ATD 1210
Telefown: (+356) 2141 2210 • (+356) 2141 0572
*e-mail*:mcba@waldonet.net.mt